MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1018/2004

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Carmel Borg f'ismu proprio u ghan-nom tas-socjeta` M & C Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Mejju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf mitejn u tnejn u sittin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm1262.59), dovuti skond sbatax (17) –il kambjala (Nru.026 sa 042) li gew iffirmati minnu u li skadew fis-17 ta' Dicembru, 2002, fis-17 ta' Jannar, 2003, fis-17 ta' Frar, 2003, fis-17 ta' Marzu, 2003, fis-17 ta' April, 2003, fis-17 ta' Mejju, 2003, fis-17 ta' Gunju, 2003, fis-17 ta' Lulju, 2003, fis-17 ta' Awissu, 2003, fis-17 ta' Settembru, 2003, fis-17 ta' Ottubru, 2003, fis-17 ta'**

**Novembru, 2003, 17 ta' Dicembru, 2003, fis-17 ta' Jannar, 2004, fis-17 ta' Frar, 2004, fis-17 ta' Marzu, 2004, fis-17 ta' April, 2004, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi nterpellati, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' April, 2004, u tal-parir (Lm15.00) kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data ta' kull skadenza, u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fl-24 ta' Settembru, 2004 li biha t-talba giet ridotta ghal disa' mija u zewg liri Maltin (Lm902.00).**

**Ra l-kapitolu prezentata mis-socjeta` attrici fit-23 ta' Settembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut pro et noe. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta, u konsegwentement it-talba attrici ghandha titqies bhala pruvata.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba tas-socjeta` attrici, u jikkundana lill-konvenut pro et noe ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u sewg liri Maltin (Lm902.00) bl-imghaxijiet legali dekorribli mill-iskadenza ta' kull kambjala.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta' April, 2004, u hmistax-il lira tal-parir, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut pro et noe skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------